**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 41

Data tal-laqgħa: 17 ta' Marzu, 2026

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu, 2026, fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:33pm billi ntqalet it-talba.

## 41/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**41/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva l-ebda ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera. Madanakollu s-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera kif dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, li ser tkun preżenti ftit tard.

## 41/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**41/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 39 li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Frar 2026 u l-minuti tas-seduta b'urġenza numru 40 li nżammet nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu 2026 kienu meħuda bħala moqrija.

**41/02/02** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta tal-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sekondat mill-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard.

**41/02/04** Bħala punti mqajma mill-minuti preċedenti, is-Sa Mariah Meli għamlet referenza għas-sessjonijiet ta' Ġemma Financial Literacy li ser ikunu qed jinżammu b'kollaborazzjoni ma' HSBC u kif dawn ser jinżamm fis-sala tal-Kunsill nhar it-28 ta' Mejju, 4 ta' Ġunju, 11 ta' Ġunju, 18 ta' Ġunju u 25 ta' Ġunju 2026. Bejn l-10 u l-11:15 ta' filgħodu. Għal din ir-raġuni hi spjegat

kif il-Kunsill qed jistenna l-poster uffiċjali sabiex dan jiġi ppublikat fuq il-paġna ta' Facebook kif ukoll mqassam fil-ħwienet.

**41/02/05** Is-Sa Meli għamlet referenza għal *claim* li dan il-Kunsill għamel lill-insurance minħabba l-ħsarat li kienet saret fis-sistema tal-kameras kollha wara s-sajjetta li kien hemm kaġunata mill-maltemp. Bi pjaċir infurmat kif din l-ispejjeż relatati kienu ġew mgħotija kollha mill-insurance.

**41/02/06** Kif kien mitlub fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill is-Sindku fakret kif kien ġie mitlub rapport mingħand The Notebook Centre. Hi nfurmat kif is-servizz għamlu użu minnu total ta' 174 resident. Uħud mill-problemi kienu minuri li setgħu jiġu solvuta fuq it-telefon jew *remotely.* Hi żiedet tgħid kif din il-kollaborazzjoni kienet ġiet tiswa €1,000 pero kull meta qed ikun hemm attività mtella mill-Kunsill, din il-kumpanija qed toffri wkoll premji.

**41/02/07** Is-Sa Meli għamlet referenza għat-talba li kienet ġiet imressqa minn Act Summer Camp. Hi spjegat kif il-Kunsill irrisponda lura għal din it-talba billi spjega l-faċilità li tistà tiġi offruta, madanakollu l-Kunsill ġie irringrazzjat talli pprova joffru spazzju pero huma nfurmaw kif is-sala tal-Kunsill mhux waħda addattata għal programm tagħhom.

**41/02/08** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-kameras tas-CCTV fejn il-Victoria Lines id-DSE għamlet kuntatt kemm mal-LESA kif ukoll mal-kuntrattur ikkonċernat li kien neħħa dan l-arblu qabel ma kienu bdew ix-xogħolijiet ta' restawr fuq il-Victoria Lines. Hi spjegat kif il-Kuntrattur qal li jistà jgħamel dan ix-xogħol sitt ġimgħat minn meta kienet intalbet ix-xogħol u kif dan jistà jsir għal prezz ta' €850 (VAT eskluż). Il-Prezz jinkludi t-trasport ta' l-arblu għal fejn irid jiġi installat, servizz ta' Hi Up u *foundation work* fejn l-arblu irid jiġi nstallat.

**41/02/09** Is-Sa Meli żiedet tgħid ukoll kif LESA irrispondew lura wkoll li l-kameras ma kienux tagħhom pero ma jsibu l-ebda oġġezzjoni sabiex jgħamlu l-monitoraġġ tagħhom meta dawn jiġu nstallati. Id-DSE staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti tal-kunsill fejn kienet ġiet infurmata li din il-kamera kienet saret mill-Kunsill permezz ta fondi li kienu ġabu mir-Reġjun Tramuntana fl-2021 li kienu fondi tal-LESA. Dan ġie ikkomunikat lil LESA u nfurmawna li ġaladarba l-kameras ikunu installati, LESA jistgħu jgħamlu l-monitoraġġ imma l-Kunsill irid jieħu ħsieb l-upkeep għall-ebda spiża. Il-Kunsill jirċievi 10% tal-profitt mid-dħul iġġenerat mill-kameras.

**41/02/10** IS-Sa Meli infurmat kif dan il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għall-arbli tad-dwal fil-ġnien tal-ponta u kif dan il-punt kien ser jerġa jitqajjem aktar 'il quddiem f'din il-laqgħa.

**41/02/11** Is-Sa Meli infurmat kif fil-laqgħa preċedenti konna ressaqna komunikazzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (SPI) fejn kien qed jinforma lill-Kunsill bit-tnaqqis fl-allokazzjoni mgħotija lill-Kunsill ta' €7,912.06 minħabba li kien hemm diversi dokumenti neqsin ta' żewġ skemi differenti.

**41/02/12** Hi qalet kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa, id-DSE staqsiet jekk tistax tingħata x'hemm nieqes forsi dawn ikunu koperti u mgħodija. Manadakollu l-bieraħ ġejna nfurmata li dawn l-iskemi mhuma magħluqin u d-deċiżjoni hija waħda finali u kif dan l-ammont ġie mnaqqas mill-allokazzjoni finanzjarja dovuta fl-ewwel kwart ta' din is-sena.

**41/02/13** Id-DSE aġġornat fuq it-talba li kienet ġie imressqa mill-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, sabiex jsir xi ħaġa biex karozzi ma jiskidjawx fi Triq Għar San Brincat. Hi qalet kif din it-talba kienet ġiet imressqa lill-TM u ser ikunu qed isiru linju sofor eżatt qabel u wara mad-dawra. Hi infurmat ukoll

kif għalkemm is-Sa Gauci ma kienitx għadha preżenti f'din il-laqgħa, hi kienet ikkomunikat diġa magħha dwar dan.

**41/02/14** Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill iressaq talba lill-Infrastructure Malta dwar dan.

## 41/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**41/03/01** Is-Sindku għamlet referenza għall-Fondi mill-Aġenzija LESA fejn nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu 2026 hi kienet attendiet konferenza stampa li nżammet sabiex jiġu mħabbra l-proġetti magħżula. Hi infurmat kif l-applikazzjoni sottomessa minn dan il-Kunsill sabiex jinbidlu l-fanali orjentali u li jiġu nstallati CCTV cameras fl-entraturi u ħruġ mill-Għargħur sabiex ikun hemm aktar sigurtà, kienet ġiet approvata u b'hekk ser jibdew il-preparamenti meħtieġa.

**41/03/02** Is-Sa Meli infurmat kif dan ix-xogħol ser jibda mis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdida.

**41/03/03** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-kuntrattur tad-dwal li suppost jirranġa l-fanali orjentali ma kienx qed jgħamilhom u kien esprima li ma jixtieqx jgħamilhom hu. Għal din ir-raġuni hi spjegat kif l-uffiċċju kien talbu sabiex jgħamel dikjarazzjoni dwar dan bil-miktub sabiex il-Kunsill ikun kopert. Sadanittant il-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb joħroġ sejħa għal dan is-servizz kif jiġu mgħaluqa s-sejħiet li fil-preżent għadhom mhux mgħaluqa.

**41/03/04** Is-Sa Meli ressqet talba f'isem resident sabiex issir mera fi Triq Mons Luigi Catania, Għargħur peress li hemm *blind spot* minħabba li r-residenti ma jistgħux joħorġu sew mill-garaxx.

**41/03/05** It-talba ġiet approvata u l-kunsill ghandhu jinforma lir-resident sabiex jipproċedi bix-xiri u nstallazzjoni ta' din il-mera peress li hija għall-użu tar-residenti.

**41/03/06** Is-Sindku għamlet referenza għal Top of the World pavimentar progett ta' Visit Malta qed jistennew permessi u qalet ukoll kif kienet ġiet imħalsa l-*fee* tal-Perit.

**41/03/07** Is-Sindku għamlet aġġornament fuq il-progett tal-ġnien tal-ponta u kif ġew irrestawrati l-bankijiet u r-railing li hemm fil-ġnien, kif ukoll ġie imnaddaf. Hi qalet ukoll kif tpoġġew bankijiet ġodda wkoll. Is-Sa Mariah Meli qalet ukoll kif il-Kunsill kien ġabar kwotazzjonijiet għall-*open library* kif ukoll kwotazzjonijiet sabiex jiġu nstallati kameras f'din iż-żona. Hi qalet ukoll kif il-*lighting* ser isir kif tibda s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdida.

**41/03/08** Is-Sa Meli għamlet referenza għax-xelters u t-toroq fejn spjegat kif waqt li kienet qed tiġi maqluha Triq il-Kbira sabiex issir *drainage system* ġdida, l-ħaddiema sabu xelter kbir. Hi qalet ukoll kif il-ġurnata ta' qabel din il-laqgħa din ix-xelter kienet għadha kif infteħet u ġiet imnadfa minn IM.

**41/03/09** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif fil-preżent għaddej il-komunikazzjonijiet bejn il-partijiet kollha sabiex ikun jistà jitkompla x-xogħol tat-Triq u tiġi ffinalizzata. Hi qalet ukoll kif l-SCH infurmaw li fit-Triq irid jitħalla l-aċċess għal dan ix-xelter. Is-Sa Meli kompliet tgħid kif għad fadal li jsir *scanning* tiegħu kif ukoll jinbeda l-proċess sabiex dan jiġi devolut lill-Kunsill.

**41/03/10** Is-Sa Meli qalet ukoll kif waqt ix-xogħolijiet ta' pavimentar kien instab xelter ieħor fi Sqaq Charlotte. Hi spjegat kif kien hemm ftehim li dan ser jitnaddaf u flimkien ma' l-SCH hemm qbil sabiex jitranġa xi ħajt u kif eventwalment ikun hemm talba mressqa mill-Kunsill sabiex dan ix-xelter jiġu devolut ukoll lill-Kunsill u wieħed irid jara wkoll kif ser ikun iffinanzjat il-manutezjoni tagħhom.

**41/03/11** Is-Sa Meli qalet kif fil-ġranet li ġejjin ser jitlesta l-pavimentar ta' Sqaq Charlotte u x-xogħol ser ikun qed jieqaf matul il-festi tal-Għid biex ma jkunx hemm inkonvenjenza lir-residenti.

**41/03/12** Is-Sa Meli qalet kif l-Enemalta kienet daħlet permess ta' xogħol peress li x-xogħol kien għaddej minn Naxxar u ser ikun qed jgħaddi mill-Għargħur minħabba l-vultaġġ li jkun hemm bżonn speċjalment fix-xhur tas-sajf. Hi spjegat kif loġistikament jidher li x-xogħol jistà jkun maqsum sabiex ma jkunx hemm inkonvenjenza u kif il-pjan huwa li x-xogħolijiet ser jibdew minn Mejju 2026.

**41/03/13** Is-Sa Meli qalet ukoll kif hi kienet miftema magħhom sabiex kif jiġi magħluq il-proċess ta' evalwazzoni, dawn għandhom jgħamlu kuntatt mal-Kunsill biex isir pjan tajjeb ta' kif għandu jiġi maqsum ix-xogħol.

**41/03/14** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera preżenti bill-komunikazzjoni li dan il-Kunsill kien irċieva mingħand is-Sa Ivana Legname minn Focus Europe fejn kien hemm stedina sabiex hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u Kunsillier ieħor jattendu il-Muniċipalita ta Tratalias, Sardinia bejn it-13 u 19 ta' Mejju 2026 (3 ijiem biss). Hi spjegat ukoll kif spejjeż ser ikunu kollha mħalsa mill-muniċipalità li qed tospita din iż-żjara. Is-Sa Meli infurmat kif din ser tkun qed tiġi diskuss mas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdida u jsiru l-preparamenti meħtieġa.

**41/03/15** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-każ marbut ma' l-aveniment tal-boxing – Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur vs Helen Gauci – fejn l-aħħar korrispondenza mingħand Dott. Joe Giglio kienet fit-18 ta' Frar 2026 u fejn hu kien informa lill-avukat tal-Kunsill li hu kien qed jistenna li jirċievi l-minuti mingħand il-klijenti tiegħu fejn juri li l-attività kienet approvata u organizzata mill-Kunsill.

**41/03/16** Is-Sa Meli spjegat f'din il-laqgħa l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk hux ser jipproċedi billi tintbagħat ittra ġudizzjarja lis-Sa Gauci biex jiġi mitlub l-ammont li pubblikament kienet qalet li ser tħallas hi stess.

**41/03/17** Wara diskussjoni qasira dwar dan is-suġġett bejn il-Kunsilliera preżenti, bi tliet voti favur mis-Sindku, Mariah Meli, il-Viċi Sindku, Francesca Attard, u mill-Kunsillier Christopher Fenech, u b'vot t'astenzjoni fejn tingħata ġimgħa ċans u jekk il-Kunsill jibqa ma jirċievi xejn, ser ikun qed jibgħat l-ittra ġudizzjarja.

**41/03/18** Is-Sa Meli għamlet referenza għat-Torri tas-Semaforu fejn l-Awtorità tal-Artijiet kienet daħlet fil-każ u kif it-tbattil mill-okkupant kien qed isir. Hi spjegat kif kien jonqos biss li l-Kunsill flimkien mar-rappreżentanti tal-Awtorità tad-djar iridu jmorru fuq il-post information provided is that Lands Authority have spoken to squatter and he was to move all his belonging out of the property.

**41/03/19** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-CAMC Security fejn il-Kunsill ikkonferma li ma kien hemm l-ebda *purchase order* maħruġa sabiex jingħata s-servizz mill-kumpanija, CAMC. Hi qalet kif f'komunikazzjoni ma' l-avukat Dott. Leon Chetcuti, l-avukat tal-kumpanija CAMC, kien ġie

mitlub li jiġi ppreparat dettalji tas-servizzi li l-Kunsill kien talab. Hi spjegat kif din id-diskussjoni nżammet f' Frar 2026 u kif ma kienx hemm komunikazzjoni oħra minn dakinhar sa din il-laqgħa.

**41/03/20** Is-Sindku għamlet referenza għall-Appel għal PA 0542505 kien ġie sottomess u qed nistennew data għas-smiegħ tas-seduta.

**41/03/21** Is-Sindku għamlet referenza għall-appell ta' Kromb il-Baħar, li tiġi aktar 'il ġewwa minn Sqaq Charlotte, fejn il-Kunsill kien issottometta oġġezzjoni u spjegat kif hemm smiegħ tal-kawża nhar l-Erbgħa 8 t'April 2026, onlajn, u kif il-Kunsill qed jara jekk għandux vot.

## 41/04 Tweġibiet mill-Kunsilliera

**41/04/01** Is-Sindku infurmat kif dan il-Kunsill kien irċieva l-ebda komunikazzjoni mingħand il-Kunsilliera.

## 41/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet

- ***Rapporti***

**41/05/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat f'din il-laqgħa pero hi infurmat kif minħabba l-bidla li ser ikun hemm minn din is-sena fuq ic-*chart of accounts*, id-data ta' għeluq biex jiġu sottomessa l-*financial quarterly report* ta' Jannar sa Marzu 2026 hija estiza għal Ġunju 2026. Dan sabiex l-accountants ikollhom biżżejjed żmien biex l-informazzjoni titpoġġa kif suppost.

**41/05/02** Is-Sa Meli infurmat ukoll kif il-Kumitat tal-Finanzi kien iltaqa nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2026 fejn apparti l-iskeda ta' ħlasijiet ta' dan ix-xahar, kien ġie diskuss ukoll il-kuntratti mal-kredituri. Hi rringrazzjat lid-DSE tax-xogħol li għamlet biex ippreparat dawn il-kuntratti u kif dawn ser ikunu qed jintbagħatu lill-kredituri biex, ġaladarba jkun hemm qbil, dawn jiġu ffirmati u l-ammonti jibdew jitħallsu minn April 2026 għall-perjodu ta' sentejn.

**41/05/03** Is-Sindku infurmat ukoll kif id-DSE kienet staqsiet lill-awdituri Grant Thornton dwar feedback fuq il-*Management Letter* għall-awditjar li kien sar fuq is-sena 2024. Hi spjegat kif kemm hi kif ukoll id-DSE ma kienux f'pożizzjoni li jiddikjaraw fuq l-operat tas-sena li kienet qed tiġi awditjata minħabba li ma kienux qed jaġixxu fi żmien imsemmi. Hi spjegat li ġie ddikjarat biss dak li kienu jafu fuqu biss.

**41/05/04** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif minħabba din ir-raġuni kienet inżammet anke laqgħa mad-Diviżjoni dwar dan u anke intbagħtet komunikazzjoni dwar dan kollu. Hi qalet ukoll kif aktar kmieni dakinhar ta' din il-laqgħa l-Kunsill kien irċieva komunikazzoni mingħand l-awditur fejn l-audit ta' 2024 ma ġiex konkluż peress li r-*representation letter* ma kienitx ġiet iffirmata.

- ***Ilmenti***

**41/05/05** Is-Sa Meli infurmat kif nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2026 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand resident sabiex jitkellem fuq is-sigurta tal-Madliena Bridge u t-trukkijiet kbar li jgħamlu użu minn fuq dan il-pont.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**41/05/06** ***18:06pm – Il-Kunsilliera, is-Sa Helen Gauci, waslet għal din il-laqgħa***

**41/05/07** Kien hemm qbil sabiex din it-talba tiġi mressqa għand Transport Malta.

- ***Ordnijiet ta' Xogħolijiet***

**41/05/08** Is-Sa Meli infurmat kif nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu 2026 dan il-Kunsill kien irċieva żewġ komunikazzjonijiet mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar l-iskemi finanzjarji għal din is-sena:

- SPI.SCI.01.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta' April 2026)
- SPI.SCI.02.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026)
- SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026).
- SPI.SCI.04.2026 - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)
- SPI.SCI.05.2026 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026)
- SPI.SCI.06.2026 - Finanzjament - Karnival 2027 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu 2026).

**41/05/09** Is-Sa Meli infurmat kif id-DSE kienet bagħtet dawn iż-żewġ komunikazzjonijiet lill-Kunsilliera mill-ewwel sabiex kulħadd ikun infurmat dwar x'qed jiġi mitlub u biex l-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar li jiddiskuti liema applikazzjonijiet ser jiġu sottomessa.

**41/05/10** B'referenza għal Skema SPI.SCI.01.2026, kien hemm qbil sabiex tiġi kkoordinata laqgħa onlajn il-ġimgħa li ġejja flimkien mal-Maniġer tal-Kultura, James Hamberger, sabiex jgħin fl-ideat u applikazzjoni.

**41/05/11** B'referenza għal Skema SPI.SCI.02.2026, is-Sa Meli issurġġiet sabiex bħas-sena preċedenti, minflok isiru *clean ups* peress li dawn qed jinżammu b'mod regolari mir-Reġjun Lvant flimkien ma' McDonalds, jinxtraw *cigarette bins*. Hi spjegat, kif dawn kienu nxtraw tnejn mill-Kunsill riċentament u li ser ikunu qed jitpoġġew f'Top of the World.

**41/05/12** Il-Viċi Sindku, is-Sa Attard, ipproponiet li permezz ta' din l-iskema, jinbidlu l-bins li hemm fil-pjazza quddiem il-Knisja. Hi spjegat kif idealment dawn għandhom ikunu *cigarette bin* fil-parti ta' fuq u bin normali isfel.

**41/05/13** Kien hemm qbil sabiex jinġabru l-kwotazzjonijiet rispettivi u l-Kunsill japplika biex jinxtraw dawn il-*bins* skond il-baġit x'jippermetti.

**41/05/14** B'referenza għall-Skema SPI.SCI.03.2026, is-Sa Meli issuġġeriet sabiex il-Kunsill iżomm l-istess struttura tas-soltu, ibbażat fuq dak li kien sar fl-aħħar avveniment tal-Milied 2025. Kien hemm qbil ukoll sabiex tinżamm laqgħa informali dwar dan sabiex jiġu ffinalizzata eżatt x'ser ikun hemm waqt dan l-avveniment.

**41/05/15** B'referenza għall-Skema SPI.SCI.04.2026, is-Sa Meli ipproponiet li jsir restawr tas-Semaphore Tower.

**41/05/16** Il-Viċi Sindku, is-Sa Attard, fakkret lill-Kunsilliera li dawn jistgħu jintużaw għax-xelters li kienu għadhom kif instabu.

**41/05/17** Is-Sa Meli fakkret kif ix-xelters għadhom iridu jiġu devoluti l-ewwel u hemm process.

**41/05/18** Kien hemm qbil sabiex, jekk it-torri jkun imbattal, tintalab BOQ mingħand il-Perit tal-Kunsill bix-xogħolijiet li hemm bżonn u jekk l-ammont ikun skond il-baġit, jiġi sottomess dan il-proġett.

**41/05/19** Is-Sa Meli għamlet referenza għal Skema SPI.SCI.06.2026 u ppproponiet li l-attività tkun simili bħal dik li kienet għadha kif inżammet fi Frar ta' din is-sena peress li kienet intoġbot hafna.

**41/05/20** Kien hemm qbil sabiex din l-iskema tiġi diskussa aħjar fil-laqgħa informali li ser issir dwar dawn l-iskemi.

**41/05/21** B'referenza għal Skema SPI.SCI.05.2026 kien hemm qbil li dawn jiġu diskussa fil-laqgħa li jmiss u jekk hemm xi ideat differenti, dawn jiġu ffinalizati.

**41/05/22** Applikazzjoni għal Minn Pjazza ghal Pjazza – It-tieni edizzjoni. Nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu 2026 inżammet laqgħa onlajn għal Kunsilliera flimkien mal-Maniġer tal-kultura, James Hamberger, sabiex naraw x'ideat jistgħu jiġu mressqa f'din l-applikazzjoni. Sfortunament Helen biss kien hemm preżenti għal din il-laqgħa. L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessa sa mhux aktar tard minn nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2026. [applikazzjoni]

**41/05/23** Is-Sa Meli infurmat kif nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2026 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand Djar Bjorn fejn qed jistiednu lil Kunsill jorganizzaw zjara mill-komunità fid-dar tagħhom ġo Ħaż-Żebbuġ. Huma jistgħu jilqgħu 70 persuna kull żjara b'minimu ta' 25 persuna u l-programm jiswa €10 kull persuna.

**41/05/24** Kien hemm qbil sabiex tinżamm din l-attività ġurnata bejn 18 u 22 ta' Mejju 2026, skond id-disponibilità.

**41/05/25** Is-Sindku infurmat kif nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu 2026 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand s-servizz pubbliku dwar l-ICT Summer Student Working Scheme u reġistrazzjoni sa-23 ta' Marzu 2026.

**41/05/26** Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill japplika għal persuna waħda.

**41/05/27** Is-Sindku infurmat kif nhar il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2026 id-DSE ġiet notifikata mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Kors lir-Residenti dwar is-saħħa mentali minn Richmond Foundation. Il-lokalità ta' Ħal Għargħur ġiet identifikata biex isir dan it-taħriġ. Id-DSE infurmathom li s-sala hija aċċessibli biss bit-taraġ u kif l-użu ta projector jistà jsir ukoll fis-sala. Peress li ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan, dan il-kors ser jinżamm nhar il-Ħamis 9 t'April, il-Ġimgħa 10 t'April, il-Ħamis 16 t'April u l-Ġimgħa 17 t'April mill-4:30pm sas-7:45pm.

**41/05/28** Kien hemm qbil sabiex dan il-kors jinżamm.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**41/05/29** Is-Sindku reġgħet għamlet referenza għall-iskema finanzjarja ta' €100,000 u qalet li l-Kunsill ta min jikkunsidra li jsir refurbishment fil-binja tal-Kunsill u anke sabiex jitranġa jew jinbidel il-lift li mhux jaħdem.

**41/05/30** Kien hemm qbil fuq din il-proposta u sabiex ix-xogħol fuq dawn l-iskemi jinbeda mis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdida.

**41/05/31** Is-Sindku infurmat kif nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu 226 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali f'isem il-Pastoral Information Institute dwar Taħriġ ta' Litteriżmu fl-Intelliġenza Artifiċjali li huwa għall publiku Ġenerali b'mod partikolari għall-anzjani minn 60 sena 'il fuq.

**41/05/32** Kien hemm qbil sabiex jiġi kkuntatjat il-Kappillan u forsi din tkun tistà tiġi kkoordinata miegħu.

**41/05/33** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet għal 4 CCTV Kameras operati bis-solar panels.

**41/05/34** Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti sabiex il-Kunsill jipproċedi bl-orħos kwotazzjoni mingħand iSPY Projects Ltd. u sabiex jiġi mistqosi jekk jistax jiġi jara l-kamera li hemm maqlugħa għadiex taħdem u jiġi mitlub jekk jistax issir max-xogħolijiet li ser jkunu mitluba.

**41/05/35** Nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu 2026, ġiet imnedija skema għall-Kunsilli Lokali - Animal Welfare Directorate: Application for Support Scheme for Recreational Open Spaces, Sensory Play Areas and Green Pockets which Include Dog Parks or Cat Cafes, 2026 – Applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessa sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħamis 30 t'April 2026

**41/05/36** Is-Sa Gauci qalet kif il-Għargħur għandu ħafna għelieqi tal-Gvern li huma mitluqa u li forsi jistà jkun hemm spazzju minnhom li jkun addattat.

**41/05/37** Is-Sa Meli spjegat li ppruvaw jaraw x'postijiet hawn li jistgħu jkunu adekwati imma l-postijiet ma jilħqux il-kriterji li kienu qed jiġu mitluba. Hi qalet ukoll li jekk tinstab żona, hemm iż-żmien meħtieġ sakemm issir il-proċess ta' devoluzzjoni lil Kunsill.

**41/05/38** Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti sabiex jitolbu jekk hux possibli li ssir estensjoni tad-data ta' l-għeluq u jekk it-talba tiġi milquha, l-Kunsill ikun jistà jsib post adekwat.

**41/05/39** Is-Sa Meli infurmat kif nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2026 dan il-Kunsill kien irċieva talba minn persuna li tixtieq tagħmel x'permess sabiex tuża Ġnien il-Paci nhar is-Sibt 11 t'April biex torganizza birthday party għal tifel ta' 4 snin. Hi infurmat li ser ikun hemm 16-il adult u bejn 8-9 tfal.

**41/05/40** Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti sabiex il-persuna li ressqet din it-talba tagħmel permess mill-Kunsill u tara li tħalli l-post nadif wara li tkun għamlet użu minnu. Kien hemm qbil ukoll li peress li dan huwa ġnien pubbliku, il-ġnien ma jistax jinżamm magħluq waqt li tkun għaddejja din l-attività.

**41/05/41** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera kif il-Kunsill Reġjonali Lvant qed jorganizza attività fl-iskejjel jew l-anzjani tal-komunità fi ħdan ir-Reġjun. Hi spjegat kif kien hemm talba mressqa lill-Kap ta' l-iskola pero peress li ma kienx hemm rispons lura, is-Sur Zammit li huwa l-Maniġer responsabbli minn dan il-proġett, avviċina lill-Kunsill forsi din l-attività tkun tistà tinżamm waqt il-vaganzi ta' l-Għid u tkun abbinata ma attività oħra li qed tiġi organizzata minn FSWS.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**41/05/42** Kien hemm qbil sabiex din l-attività tinżamm u li tkun miftuħa għall-etajiet kollha u mhux għat-tfal biss.

**41/05/43** Is-Sa Meli infurmat kif nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2026 dan il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali – Informazzjoni dwar Servizz ta' Trasport fil-Komunità. Hi fakkret kif minn skema finanzjarja oħra, il-Kunsill kien diġa ħa l-fondi sabiex jinxtara l-vann ta' l-elettriku sabiex jintuża għall-komunità u kif kien ġie diskuss sabiex il-Kunsill iġib xufier minn skema ta' l-RSS. Hi spjegat kif diġa hemm komunikazzjoni għaddejja ma' l-RSSL sabiex jingħata ħaddiem minn tagħhom u jkun bħala xufier mal-Kunsill bil-kundizzjoni li l-paga ma tkunx ta' piż fuq il-Kunsill għax hu jkun impjegat l-RSSL fuq bażi *full time*.

**41/05/43** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif minn din is-sejħa l-Kunsill għandu jressaq talba sabiex tingħata infrastruttura ta' *charging* u refużjar ta' l-ispejjeż marbuta max-xufiera.

**41/05/44** Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill japplika għall-infrastruttura tac-*charging*.

**41/05/44** Is-Sa Francesca Attard irrimarkat li c-*charging point* għandha tkun AC u DC.

## 41/06 Vakanza – Segretarju Eżekuttiv u Clerk

- ***Segretarju Eżekuttiv***

**41/06/01** B'referenza għal din il-vakanza, is-Sindku infurmat kif nhar it-Tlieta 24 ta' Frar 2026 id-DSE kienet ġiet infurmata li l-persuna magħżula sabiex tkun is-Segretarju Eżekuttiv għal dan il-Kunsill kienet ġiet approvata mis-Segretarju Permanenti u għal din ir-raġuni d-DSE infurmat lill-applikanta dwar dan u talbita tinforma d-data minn meta tistà tibda taġixxi f'din il-kariga.

**41/06/02** Is-Sa Meli qalet kif is-Sa Falzon infurmat lil dan il-Kunsill li hi ser tkun qed tibda l-irwol tagħha minn nhar it-Tnejn 30 ta' Marzu 2026.

**41/06/03** Is-Sa Meli infurmat kif minħabba dan it-tibdil, qed issir talba sabiex is-Sa Shirley Falzon tkun firmatorja minflok is-Sa Jeanette Galea fil-kontijiet bankarji kollha li hemm kemm mal-bank APS u BOV. Għaldaqstant is-Sa Falzon għandu jkollha aċċess għall-*internet banking* u aċċess ta' *deposit cards* biss.

**41/06/04** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu u f'isem il-Kunsill Lokali rringrazzjat lis-Sa Jeanette Galea għax-xogħol tagħha matul ix-xhur li għaddew.

- ***Clerk Skala 15 Part Time***

**41/06/05** B'referenza għal din il-pożizzjoni is-Sa Meli infurmat kif nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar 2026 id-DSE kienet irċieviet komunikazzjoni mingħand is-Sa Monique Meli sabiex tinforma li kienet qed tagħti r-riżenja tagħha għal din il-vakanza peress li, għalkemm kienet għal qalba taħdem il-Kunsill, kienu bagħtu għaliha għall-pożizzjoni oħra li kienet applikat qabel kienet bdiet mal-Kunsill u li dejjem xtaqet.

**41/06/06** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif għal din ir-raġuni, id-DSE infurmat lill-Jobsplus dwar dan biex tivverifika jekk il-Jobsplus permit għal din il-pożizzjoni kienitx għadha valida. Fuq konferma minn

Jobsplus, id-DSE ħarġet is-sejħa esternament u din ġiet ippublikata fil-gazzetta tal-Gvern, fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill, kif ukoll fuq is-sit KeepMePosted nhar il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2026. Applikazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kunsill sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2026.

**41/06/07** Is-Sa Meli talbet lill-Kunsilliera jistabillixxu minn ser ikunu il-membri fuq il-bord sabiex jinżammu l-intervisti.

**41/06/08** Wara diskussjoni li nżammet bejn il-Kunsilliera dwar d-disponibbiltà tal-Kunsilliera biex ikunu fuq il-bord, kien hemm qbil sabiex il-bord ikun kompost mis-Sindku, Mariah Meli, flimkien mas-Sa Francesca Attard u s-Sa Helen Gauci.

## 41/07 Kuntratti, Tenders u MOUs

**41/07/01** B'referenza għas-sejħa ta' offerti GLC02/2025 – *Services – Collection of Bulky Refuse from the Locality of Gharghur Using Low Emission Transport* – is-Sa Meli infurmat kif kienet inżammet laqgħa ta' kjarifika ma l-avukat tal-Kunsill biex bħala Kunsill tkun tistà tintbagħat ittra lill-orħos kuntrattur li kien tefa l-offerta. Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa li jmiss.

**41/07/02** Is-Sa Meli għamlet referenza għas-sejħa ta' offerti - *GLC/03/2025 - works- resurfacing of triq ghaxqet l-ghajn including installation of lighting and benches using environmentally friendly materials and practices* – u spjegat kif l-ittri ġew mgħoddija u ninsabu fil-perjodu ta' appell li kien jgħalaq illum, nhar it-Tlieta 17 ta' Marzu 2026. Hi qalet ukoll kif ġaladarba ma jkunx hemm appell, il-Kunsill jiskatta bl-iffirmar tal-kuntratt u jibdew ix-xogħolijiet.

**41/07/03** Is-Sa Helen Gauci staqsiet l-isem tal-kumpanija li kienet rebħet din is-sejħa.

**41/07/04** Is-Sa Meli infurmata kif l-kumpanija Rizzo Landscaping Building SRL kien il-kuntrattur magħżul biex jgħamel dawn ix-xogħolijiet.

**41/07/05** B'referenza għas-sejħa ta' offerti - GLC/01/2026 - sabiex jinxtara vann tal-Kunsill , is-Sa Meli infurmat kif dan kien ġie ippublikat nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2026 u kif din is-sejħa tagħlaq nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu 2026. Għal din ir-raġuni hi tlabet sabiex jiġu maħtur bord biex jgħamel l-evalwazzjoni ta' l-offerti.

**41/07/06** B'referenza għas-sejħa ta' offerti - GLC/02/2026 – is-Sa Meli infurmat kif nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2026 kienet ġiet ippublikata din is-sejħa għal servizz ta' *Contracts Manager* mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur fejn l-ammont allokat huwa ta' €7,000 fis-sena. Hi spjegat ukoll li hemm ftit dewmien peress li ż-żmien jaħbat mall-perjodu li s-sistema tkun magħluqa waqt il-festi ta' l-Għid.

**41/07/07** Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti sabiex għal perjodu ta' sitt xhur, il-bord għall-evalwazzjoni tas-sejħiet ta' offerti maħruġa mill-Kunsill ikun kompost mis-Sindku bħala c-Chairperson, u mill-Kunsilliera Francesca Attard, Christopher Fenech u Helen Gauci.

## 41/08 Attivitajiet

**41/08/01** Is-Sa Meli infurmat li l-ħarġa tat-tfal u l-ġurnata f'Għawdex kellhom jiġu mħassra minħabba nuqqas ta' konkorrenza.

**41/08/02** Is-Sa Meli infurmat kif qed tiġi organizzata lejla Karaoke għaż-Żgħażagħ tal-Għargħur u qed jiġu mistiedna żgħażagħ kollha minn Ħal-Għargħur għal-lejla karaoke fis-Sala tal-Kunsill Lokali fis-7 ta' April bejn is-7:00pm u d-9:00pm. Hi spjegat kif ser ikun hemm xi ikel u xorb disponibbli. L-attività hi bla ħlas u reġistrazzjoni bil-google form. Din l-attività ser tkun organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Għargħur u s-Servizzi Komunitarji tal-Mosta.

**41/08/03** Is-Sa Meli infurmat kif l-FSWS qed torganizza attività għall-Għid nhar l-Erbgħa 8 t'April 2026 fejn ser ikun hemm madwar 30 tifla/tifla. Kif kien diġa msemmi aktar kmieni matul din il-laqgħa, s-Sa Meli infurmat kif ser tkun qed tinżamm l-attività tal-*planting* wara dan l-avveniment u kif l-iskop hu li jkun hemm integrazzjoni ta' ġenerazzjonijiet differenti fil-komunità.

**41/08/04** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-proġett ta' Erasmus fejn l-attivitajiet marbuta ma' dan inżammu kollha fi Frar 2026. Hi spjegat, kemm l-istudenti apprezzaw il-programm li kien ġie imħejji u kien hemm anke opportunità li jilgħabu sports grazzi għall-Għargħur Football Club kif ukoll grazzi lill-Viċi Sindku, Is-Sa Francesca Attard, li dawrithom madwar il-lokalità u daħlu fix-xelter.

**41/08/05** Is-Sa Meli xtaqet tirrimarka li hija ħasra li f'dawn l-attivitajiet mhux qed ikun hemm il-preżenza tal-Kunsilliera. Kemm f'dawn l-avvenimenti kif ukoll fl-avveniment li kien ippreparat minn Bonġu Malta

## 41/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**41/09/01** B'referenza għall-iskeda ta' ħlasijiet is-Sindku infurmat kif il-Kumitat tal-Finanzi kien żamm laqgħa sabiex idur l-iskeda ta' pagamenti li qed jiġu ppreżentati f'din il-laqgħa. Għal din ir-raġuni hi ppreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Aġenda. Flimkien ma' l-iskeda ta' ħlasijiet, kien hemm ukoll l-Petty Cash ippreże

**41/09/02** Il-mozzjoni ġiet approvata fuq proponet tas-Sa Helen Gauci u sekondanta mis-Sur Christopher Fenech.

## 41/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**41/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:50p.m wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 28 ta' April, 2026, fil-5:30p.m.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Shirley Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

***Dawn il-minuti ġew ippreparati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea.***